**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' April 2016

Rikors Guramentat numru : 107/15 AL

AB pro et noe

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi lill-partijiet twilditilhom minuri bl-isem ta' KD li twieldet fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2008 u dan kif jirrizulta minn Dokument ittra 'A';

Illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Mejju 2015 moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja, l-imsemmija Qorti ordnat illi l-konvenut ihallas lill-attrici ghall-minuri manteniment fis-somma ta' mitejn euro (200 €) kull erba' gimghat b'effett mit-30 ta' Marzu 2015,

oltre li tali manteniment jizdied kull sena bl-gholi tal-hajja, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u markata Dokument ittra 'B';

Illi f'sitt snin u nofs illi ilha mwielda l-minuri, il-konvenut ma vversax aktar minn circa elf u hames mitt euro (1, 500 €) f'manteniment;

Illi l-konvenut qatt ma ried jirrikonoxxi lill-minuri K, li ghandha l-kondizzjoni ta' l-awtizmu u kellha tkun kundanna tal-Qorti li permezz ta' sentenza (Rik Gur numru 17/14 AL) moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 ordnat ir-rikonoxximent, vide sentenza Dok C;

Illi meta l-konvenut intbaghtitlu ittra ufficjali sabiex jirrikonoxxi lill-minuri K, huwa baqa' inadempjenti u dan kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza;

Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmija bintu minuri izda li jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan in linea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Dicembru 1946 fl-ismijiet: Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468)*;*

Illi li kieku ma kienx ghad-digriet tat-13 ta' Mejju 2015, kieku l-konvenut ghadu sa llum jirrifjuta li jhallas ghall-manteniment ta' bintu;

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju benjiethom u ghalhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal din il-kawza u dan kif jirrizulta mill-anness digriet immarkat bhala Dok C;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' manteniment ghat-tifla minuri K D

okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sal-lum mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjornaljiera u cioe' 'per diem' in linea ta' manteniment futur ghall-imsemmija minuri K, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-procedura tal-medjazzjoni, u bil-konvenut minn issa ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

**Illi** t-talba ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet :

**Eccezzjonijiet:**

1. **Illi,** ghar-rigward it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' hlas ta' somma lill-attrici ghall-manteniment tal-minuri mid-data tat-twelid sad-data tas-sentenza effettiva:

    a) l-esponent, preliminarjament, jecepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini ta' l-artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili;

    b) minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent kien qed jipprovdi ghal minuri, kemm finanzjarjament kif ukoll b'mezzi u modi ohra u dan a sodisfazzjon ta' l-attrici u bi qbil maghha. Tant hu hekk illi qabel it-30 ta' Marzu, 2015, l-attrici ma ghamlet l-ebda talba sabiex jinhareg digriet minn din l-Onorabbli Qorti li jordna lill-esponent ihallasha manteniment ghall-minuri;

2. **Illi**, ghar-rigward it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' hlas ta' somma giornaliera lill-attrici ghall-manteniment futur tal-minuri :

a) minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini ta' Arikoli 3, 3B u 7(1) tal-Kap 16, l-attrici ghandha l-obbligu, daqs l-esponent, li tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-minuri u kwindi t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi kwalunkwe kundanna ghall-hlas ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet kontendenti;

b) minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servizzi socjali li tinkassa l-attrici jiehdu hsieb il-kondizzjoni ta' awtizmu tal-minuri. Di piu` l-attrici ma wrietx li, oltre l-ghajnuna socjali, l-minuri ghandha bzonn Euro 400 f'manteniment[1].;

c) minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent certament ma jistghax ihallas is-somma dekretata *pendente lite* ta' mitejn Ewro (Ewro 200) kull erbgha gimghat. Altrimenti dan ser jikkawzalu diffikulta` finanzjarja ulterjuri, u liema somma hija eccessiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tenut kont il-mezzi u d-djun (inkluz dejn mal-Bank HSBC[2]) ta' l-eccipjenti, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza[3]; u wkoll minhabba l-fatt li l-esponent ghandu wild iehor li jrid imantni wkoll u *cioe`* tifel ta' ghaxar snin minn mara ohra u *cioe`* Jacqueline Bajada u li l-konvenut ihallas manteniment lil Jacqueline Bajada, omm it-tifel, fl-ammont ta' Euro 150 fix-xahar, ghall-bzonnijiet tal-minuri apparti l-ispejjez edukattivi u dawk ta' sahha (*Vide l-kuntratt relattiv hawn anness*

---

[1] U dan anke in vista tad-digriet *pendente lite* ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Mejju, 2015,

[2] Ara prospett ta' l-HSBC - hawn anness u mmarkat DOKUMENT A

[3] Ara dokument fornut lill-esponent mill-ahwa Debattista li huma sidien tal-fond li minghandu l-esponent jikri zewg garaxxijiet minn fejn jopera - hawn anness u mmarkat DOKUMENT B; kif ukoll zewg (2) *Ledger Statements* mahrugin mid-Dipartiment tal-VAT iddatatati 13 ta' Frar 2012 u 16 ta' Gunju 2013 rispettivament fil-konfront taz-zewg socjetajiet li jiggestixxi l-eccipjent hawn annessi u mmarkati DOKUMENT C u prospett ta' dejn illi l-esponent ghandu ma' missieru hawn anness u mmarkat DOKUMENT D.

*u mmarkat* **DOKUMENT E**); Di piu` l-esponent ighix f'appartament mikri minghand terzi u jhallas kera ta' Euro 280 fix-xahar apparti l-ispejjez relatati fosthom dawk ta' dawl u ilma (*Vide il-kuntratt ta' kera hawn anness u mmarkat* **DOKUMENT F**);

d) **Illi** minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut mhux qieghed f'qaghda tajba li jmantni lil bintu stante l-mezzi limitati tieghu. Tant hu hekk illi l-esponenti ghandu biss introjtu gross ta' Euro 853.05 u net ta' Euro € 832.05 fix-xahar; (*Vide it-tlett-payslips tax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2014 hawn annessi u mmarkati* **DOKUMENT G);**

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti kollha ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-manteniment tat-tifla tal-partijiet K D li twieldet fil-5 t'Ottubru tas-sena 2008. L-attrici qeghda titlob ukoll l-arretrati ta' manteniment minghand il-konvenut ghall-minuri mid-data meta twieldet l-istess minuri l-quddiem.

Fir-risposta guramentata tieghu, l-konvenut ecepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Din hija sentenza preliminari rigwardanti din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Fir-rigward ta'  din l-eccezzjoni l-unika prova li ngabet quddiem il-Qorti hija x-xiehda li taw il-partijiet *viva voce*[4]. L-attrici tghid li ma tiftakarx meta kienet l-ewwel darba li kellmet avukat biex titlob il-manteniment minghand il-konvenut ghal binthom.

Min-naha l-ohra, l-konvenut jghid li l-ewwel darba li rcieva mill-Qorti fir-rigward tal-manteniment ta' bintu minghand l-attrici kien f'Mejju 2015, u llum it-tifla ghandha seba' snin. L-attur xehed illi minn dejjem ta sapport ghall-minuri, izda ma kienx hallas manteniment mill-bidu u ma kienx regolari fil-hlas ta' manteniment. Huwa jghid li gieli ta lill-attrici iktar minn mitt Ewro fix-xahar ghall-minuri izda qatt ma taha izjed minn hames mitt euro. Huwa jghid li ma jiftakarx li kien hemm xi ordni tal-Qorti hlief biex ihallas manteniment. Huwa xehed li ghall-ewwel il-manteniment kien ta' mitejn Ewro fix-xahar imbaghad tela` ghal tlett mitt euro  fix-xahar.

Illi bhala provi dokumentarji gew ezebiti c-certifikat tat-twelid tat-tifla K D[5], kopja ta' rikors redatt mill-attrici li permezz tieghu fl-atti tal-medjazzjoni talbet ghall-manteniment minghand il-konvenut ghall-minuri[6], kopja tas-sentenza li permezz taghha Jason Micallef gie dikjarat missier il-minuri K D[7]. Il-konvenut flimkien mar-risposta guramentata tieghu, ipprezenta diversi dokumenti rigward l-aspett patrimonjali tieghu[8], li ghalissa,

[4] Ara fol 97 et seq tal-process, xhieda datata 19 ta' Novembru 2015
[5] Ezebit a fol 4 tal-process
[6] Ezebit a fol 5 tal-process
[7] Ezebita a fol 9 tal-process
[8] Ara fol 27 sa fol 55 tal-process

għall-fini u l-effetti ta' din is-sentenza preliminari, ma humiex rilevanti.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-abbli difensur tal-konvenut jghid li t-talba ghall-arretrati ta' l-attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux fir-rigward tal-ahhar hames snin, izda fir-rigward tal-ewwel sentejn ta' hajjet il-minuri u dan peress li llum il-minuri ghandha seba' snin. Skont hu ghalhekk jekk il-Qorti tigi biex tilqa' t-talba tal-hlas ta' l-arretrati ta' manteniment, dan ghandu jkun minn hames snin qabel ma giet intavolata din il-kawza 'l quddiem u mhux minn mindu twieldet il-minuri.

Min-naha tieghu l-abbli difensur ta' l-attrici jghid li preskrizzjoni ma tistax tigi eccepita fil-konfront tal-ulied u dan peress li l-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix bejn il-genitur u tifel li hu taht is-setgha tal-genitur. Jghid ukoll li l-konvenut ammetta li kien qieghed ihallas manteniment, ghalhekk l-preskrizzjoni giet interrotta.

Il-Qorti, se tibda billi tikkwota l-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

*2123. Il-preskrizzjoni ma timxix -*
*(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;*

*2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għallmanteniment;*

Rigward l-artikolu 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sentenza moghtija fil-kawza 533/2000PS, deciza fid-9 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet, *Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareem,* il-Qorti qalet hekk,

*"Tajjeb li jigi puntwalizzat mill-ewwel illi din il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi kemm fil-kaz fejn il-manteniment ikun gie stabbilit b'konvenzjoni u kemm fil-kaz li jkun gie hekk iffissat b'sentenza il-preskrizzjoni, una volta verifikata, ghandha tircievi akkoljiment. Difatti l-Artikolu 2156(b) ma jaghmilx distinzjoni bejn l-ipotesi l-wahda jew l-ohra. Ubi lex voluit, dixit. Jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment";*

Hawnhekk il-Qorti qalet li meta tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(b), din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' indipendentement minn fejn originat it-talba. Madanakollu din is-sentenza ma' ssemmix l-artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ser tidhol fid-dettal dwar jekk il-preskrizzjoni effettivament imxietx bejn il-konvenut u l-attrici ghan-nom ta' bintha.

Il-Qorti ser tikkwota kaz, li dahal fid-dettami ta' l-Artikolu 2123(a) u mhux fl-artikolu 2123(b), liema artikolu jghid li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-mizzewgin. Fis-sentenza *Audrey Spiteri vs Anton Spiteri datata 28 t'April 2015, (Ref Nru: 680/2007),* il-Qorti qalet hekk dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni,

*"Il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala infondata fid-dritt. L-artikolu 2123(a) tal-Kap. 16 hu kategoriku li preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewgin. Dan l-artikolu hu wiehed ezawrjenti u sakemm hemm zwieg il-preskrizzjoni ma tistax tigi invokata minn parti kontra l-ohra, ghax hi sospiza u dan irrispettivament jekk bejn il-mizzewgin hemmx is-separazzjoni tal-beni jew il-komunjoni tal-akkwisti u sahansitra anki fejn hemm*

*separazzjoni ghaliex il-ligi tispecifika li l-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewwgin sic et sempliciter (ara f'dan is-sens Sammut vs Ciarlo, App Civ 30/05/2014)."*

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza ikkwotata mill-istess Qorti u cioe' *Sammut vs Ciarlo, deciza fit-30 ta' Mejju 2014 (Ref nru: 600/2009), fejn* l-qorti qalet li irrispettivament jekk il-partijiet humiex separati o meno, ladarba huma mizzewgin il-preskrizzjoni ma timxix kontra xulxin.

Huwa veru li *ubi lex voluit dixit*, u l-Qorti thoss, li ladarba l-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li huwa taht is-setgha tal-genituri, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-Artikolu 2123(b) f'sens restrittiv, u li ghalhekk l-Artikolu 2156(b) m'ghandux japplika bejn il-genitur u l-minuri[9]. Wara kollox din il-kawza qed issir mill-attrici ghan-nom ta' bintha li ghadha minorenni.

L-abbli difensur tal-konvenut argumenta li anke fil-kaz li ghandu japplika l-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan m'ghandux japplika fil-konfront tal-konvenut, u dan peress li meta l-konvenut gie rikonoxxut bhala missier il-minuri, dan gara ferm wara t-twelid tat-tifla, u dan kien fl-4 ta' Dicembru 2014. Ghalhekk il-konvenut jghid li ghal parti miz-zmien li tieghu qed titlob manteniment bl-arretrati l-attrici, hu ma kienx genitur li kellu s-setgha ta' genitur fuq bintu, peress li kien ghadu mhux rikonoxxut bhala tali. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument, u dan peress li ladarba l-konvenut gie dikjarat li hu missier il-minuri, dan l-istat ghandu jiswa' mill-gurnata tat-twelid[10].

---

[9] Izda jista' jaghti l-kaz li japplika f'xenarji ohra li huma mnissla fl-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bhall-manteniment li jista' jkun dovut mill-ulied maggorenni lill-genituri taghhom jew manteniment dovut lill-ahwa jew manteniment dovut mill-genituri lill-ulied maggorenni.

[10] Kif deciz fil-kawza *Filippa Grech vs Antonio Magri deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Dicembru 1946, "Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici ifforniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-*

F’kull kaz *contra non valentem agere non currit praescriptio.* Certament li ma setghetx tibda tiddekorri l-preskrizzjoni, kieku stess setghet tiddekorri, u dan peress li l-attrici ma setghetx taghmel talba ghall-manteniment ta’ bintha qabel ma l-konvenut gie dikjarat bhala missier il-minuri, irrispettivament minn min u minn meta ssir il-kawza tal-filjazzjoni. B’hekk, zgur li ma setghet timxi l-ebda preskrizzjoni ladarba d-dritt ta’ l-azzjoni ma kienx ghadu jezisti.

L-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, jezisti ghal raguni specifika, u dan biex il-qrati jharsu d-drittijiet kollha ta’ l-ulied u tal-familja in generali, u ghalhekk, ladarba dan l-artikolu huwa daqshekk car ma jistax ma jittihiedx in konsiderazzjoni minn din il-Qorti.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta’ din is-sentenza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

---

*minorenni, ghaliex la darba s-sentenza ta’ dina l-Qorti iddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa’ “quod omnes”, jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex kif jghid Laurent Diritto Civile Vol IV nru 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi la darba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid ghax huwa assur diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbliti inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel”.*